

Brussell, 13 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0163 (NLE)

10274/25
ADD 11

AELE 52
CH 18
MI 395
ESPACE 47

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 308 annex
Suġġett:	ANNESSTal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-appfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 308 - Annex 11.

Mehmuż: COM(2025) 308 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2025
COM(2025) 308 final

ANNEX 11

ANNEX

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' pakkett wiesa' ta' ftehimiet għall-konsolidazzjoni, l-appfondiment u l-espansjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, u dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA
DWAR L-ISTABBILIMENT TA' DJALOGU TA' LIVELL GĦOLI
DWAR IL-PAKKETT BILATERALI WIESA'
U L-IŻVILUPP ULTERJURI POSSIBBLI
TAR-RELAZZJONIJIET BILATERALI
BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-IŻVIZZERA

L-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-rabtiet reċiproċi mill-qrib bejniethom abbażi tal-prossimità, il-valuri kondiviżi u l-kultura Ewropea komuni tagħhom, kif ukoll il-fatt li l-ekonomiji tagħhom huma interkonnessi ħafna f'termini ta' kummerċ u investimenti,

FILWAQT LI JIKKONDIVIDU l-objettiv li jikkontribwixxu għat-twettiq bla xkiel u l-iżvilupp kontinwu tas-sħubija komprensiva tal-Unjoni Ewropea u tal-Iżvizzera sal-potenzjal sħiħ tagħha,

FILWAQT LI JFAKKRU fil-Fehim Komuni tas-27 ta' Ottubru 2023, bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill Federali Żvizzeru u l-Kummissjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-paragrafu 7 tiegħu,

FILWAQT LI JESPRIMU S-SODISFAZZJON TAGĦHOM bil-konklużjoni, f'Diċembru 2024, tan-negozjati dwar il-pakkett bilaterali wiesa' għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħhom,

jiddikjaraw li se jiġi stabbilit djalogu ta' livell għoli, li:

- se jkun kopresedut mill-Kummissarju responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Iżvizzera u mill-Kap tad-Dipartiment Federali tal-Affarijiet Barranin Żvizzeru;

- se jkollu l-għan li jippromwovi fehim reċiproku u kooperazzjoni dwar il-pakkett bilaterali wiesa' nneozjat u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom;
- se jiddiskuti kwistjonijiet ta' interess reċiproku, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern u l-possibbiltajiet li tissaħħaħ is-sħubija bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea; u
- se jevalwa regolarment l-implimentazzjoni tal-pakkett bilaterali wiesa', il-ħidma tal-Kumitati Konġunti u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tar-relazzjonijiet bilaterali tagħhom.

Id-djalogu ta' livell għoli se jsir kull sena, b'mod alternat fl-Iżvizzera u fi Brussell, biex jiġi rieżaminat il-progress u tiġi diskussa l-kooperazzjoni futura. L-ewwel djalogu se jsir fi żmien 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-pakkett bilaterali wiesa' u l-modalitajiet dettaljati tiegħu se jiġu definiti b'mod konġunt f'din l-okkażjoni.

Din id-Dikjarazzjoni Konġunta hija mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment ta' djalogu politiku dwar kwistjonijiet ta' politika estera u ta' sigurtà bejn ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kap tad-Dipartiment Federali tal-Affarijiet Barranin Żvizzeru, li jiġi trtrattat separatament.

Iffirmat fi [post], fi [data], f'żewġ kopji bil-lingwa Ingliża u Franċiża.

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Konfederazzjoni Żvizzeru